# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 117/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Daniel-Joe Meli**

Illum 27 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat illi l-appellant **Daniel-Joe Meli**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0267796(M), ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti) minħabba li ngħad is-segwenti:

*"Illi huwa mfittex mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti ta' l-Amerika, li huwa pajjiż speċifikat fit-terminu tal-Liġi Sussidjarja 276.07, Att dwar l-Estradizzjoni Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta għal reati ta' assoċjazzjoni u reati ta' użu mhix kif dovut tal-kompjuter kif jirriżulta*

*mill-akkużi awtorizzati fit-12 ta' Diċembru 2023 mill-Grand Jury fil-Qorti Distrettwali tad-Distrett tat-Tramuntana ta' Georgia fil-każ United States of America vs. Daniel Meli u mill-mandat tal-arrest maħruġ mill-istess Qorti."*

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti) ġiet mitluba:

*"sabiex tipproċedi fil-konfront tal-imsemmi Daniel-Joe Meli ai termini tal-artikoli u dispożizzjonijiet tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat is-sentenza ossia Ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti) tat-8 ta' Frar 2024 fejn il-Qorti msemmija ddeċidiet is-segwenti:

*"In vista tal-premessi konsiderazzjonijiet u wara li rat li ġew sodisfatti d-disposizzjonijiet kollha applikabbli fit-termini tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Stati Uniti ta' l-Amerika), Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07, u wara li rat l-Artikolu 15(4)(5) tal-istess Att, tilqa' t-talba għat-treġġiegħ lura tal-"persuna" lejn l-Istati Uniti tal-Amerika u tordna li l-"persuna" Daniel-Joe Meli għandu jinżamm taħt kustodja sakemm ikun qiegħed jistenna li jitreġġa' lura u li jiġi estradit lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. In oltre wara li rat l-Artikolu 16 tal-istess Att qegħda tgħarraf lill-istess "persuna", illi mhux ser titreġġa lura qabel ma jgħaddu ħmistax (15)-il jum mid-data ta' din l-Ordni u li jekk jidrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun ser tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-Ordni ta' kustodja tal-Qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skond il-każ."*

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Frar 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"Għaldaqstant a bażi u bis-saħħa tal-Artikolu*

*18(1) tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti qiegħed jinterponi dana l-umli appell mill-Ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ta' nhar it-8 ta' Frar 2024 u li a bażi tal-istess Ordni, l-esponent ġie ordnat sabiex jitreġġa lura lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, sabiex u a bażi ta' liema appell, l-esponenti qiegħed* ***jitlob ir-revoka tal-ordni tal-qorti****, hawn fuq ċitat, minn din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-19 ta' Frar 2024 b'"Assenjazzjoni ta' kawża wara astensjoni jew rikuża" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-21 ta' Frar 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza ossia Ordni mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' Frar 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-12 ta' Diċembru 2023 inħareġ Att ta' Akkuża kontra l-appellant mill-*Grand Jury* tal-*United States District Court for the Northern District of Georgia Atlanta Division* fil-każ **United States of America vs. Daniel Meli** u dana wara li kienet saret investigazzjoni in konnessjoni ma' allegat aġir illegali relatat ma' servizzi illegali fid-dinja tal-informatika. Fil-5 ta' Frar 2024 il-Ministru responsabbli *ossia* l-Ministru tal-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħareġ l-Awtorita' għal proċediment kontra l-appellant a tenur ta' Artikolu 13 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement, fit-8 ta' Frar 2024 l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ((Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti) u dakinhar stess il-Qorti msemmija laqgħet it-talba għat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Istati Uniti tal-Amerika.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tinnota li in kwantu hija Qorti tal-Appell ma tbiddilx l-analiżi tal-fatti u tal-liġi sakemm id-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment u raġonevolment korretta. Fil-kors ordinarju tal-funzjonijiet tagħha, din il-Qorti ma taġixxix bħala qorti ta' ritrattazzjoni, fis-sens li ma terġax tisma' l-każ u ma tiddeċidiex mill-ġdid iżda tintervjeni meta tara li l-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-evidenza jew interpretat il-liġi ħażin – u b'hekk tirrendi d-deċiżjoni tagħha mhux sigura u mhux sodisfaċenti. F'dak il-każ din il-Qorti għandha s-setgħa u d-dmir li tbiddel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jew dawk il-partijiet tad-deċiżjoni tagħha li jirriżultaw li huma żbaljati jew li ma jirriflettux interpretazzjoni korretta tal-liġi.

Illi l-appell mertu ta' dan il-każ jirrigwarda proċeduri ta' estradizzjoni li huma proċeduri ta' natura penali kondotti quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali. Proċediment ta' estradizzjoni jiġi mmexxi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, iżda li għall-fini tal-Att dwar l-Estradizzjoni hija riferita bħala l-Qorti Rimandanti, bi dritt ta' appell, skont fejn huwa previst mil-liġi, lill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-fatt fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Lulju 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ronald Agius** (Numru 109/2001) din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ikun opportun qabel xejn li jiġu preċiżati ċerti punti. Il-proċeduri ta' estradizzjoni fil-liġi tagħna, ċioè dawk il-proċeduri li jibdew quddiem il-qorti rimandanti u li jistgħu jitkomplew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (bħalma qed jiġri f'dan il-każ) ma humiex proċeduri li fihom persuna tiġi <u>imputata</u> jew <u>akkużata</u> b'reat. Persuna ma tinġiebx quddiem il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-każ, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sabiex tiġi "ġġudikata" dwar xi reat; fi proċeduri ta' estradizzjoni ma hemm ebda *"criminal charge"* x'tiġi *"determined"*; il-proċeduri ta' estradizzjoni

huma intiżi biss sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-liġi (inkluża l-Kostituzzjoni – Art. 43) sabiex it-talba ta' pajjiż barrani għat-treġġigħ lura lejn dak il-pajjiż ta' persuna partikolari tintlaqa' (ara ***Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru ta' l-Affarijiet Barranin et.*** Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' April, 1991; ***Anthony Satariano v. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija*** Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Lulju, 1997; ara wkoll l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 276). Addirittura l-ordni għat-treġġigħ lura lejn il-pajjiż li jkun għamel it-talba anqas jingħata jew jinħareġ minn qorti iżda mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja (Art. 21, Kap. 276). Ikun biss jekk dik il-persuna tiġi mibgħuta lura lejn dak li pajjiż li hija tiġi, f'dak il-pajjiż, akkużata b'reat u proċessata għal dak ir-reat jew, jekk it-talba tkun saret minħabba li dik il-persuna tkun *"unlawfully at large"* (ara l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 276), hija tibda, f'dak il-pajjiż, tiskonta s-sentenza li tkun preċedentement ingħatatilha f'dak il-pajjiż.

Isegwi, għalhekk, li l-proċeduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali – il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-każ, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – huma proċeduri *sui generis*, regolati b'liġi speċjali, fil-kaz tagħna l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276. Ċertament mhux applikabbli għal proċeduri ta' estradizzjoni l-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar it-Tifsir tal-Pieni (Kap. 23), peress li din il-liġi tirrigwarda biss reati li huma ġudikabbli mill-qrati Maltin u hi limitata għal kwistjonijiet ta' piena ghal tali reati (kif jidher ċar mill-Artikolu 2 tal-imsemmija Ordinanza). Id-disposizzjonijiet tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali (Liġijiet ta' Proċedura Kriminali) huma applikabbli għal proċeduri ta' estradizzjoni fil-limiti ta' dak li jistabilixxi l-Att dwar l-Estradizzjoni. Hekk, per eżempju, il-kompitu inizjali tal-eżami tat-talba għat-treġġigħ lura ġie mħolli mill-imsemmi Att f'idejn "il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

bħala qorti ta' kumpilazzjoni"; din il-qorti ġiet mogħtija isem partikolari – "qorti rimandanti"; u ġie ukoll espressament provvdut li din il-qorti "għandu jkollha għall-finijiet tal-proċedimenti skond dan l-artikolu[1] l-istess setgħat, safejn jista' jkun[2], magħduda s-setgħa li tibgħat f'kustodja jew teħles mill-arrest bi pleġġ, kif l-imsemmija qorti[3] għandha meta tkun kostitwita kif intqal qabel[4]". Minn dana jidher ċar li l-qorti rimandanti, għalkemm għandha s-setgħat (safejn dawn huma kompatibbli mal-proċeduri ta' estradizzjoni) ta' Qorti Istruttorja, ma tikkonduċix istruttorja kif jipprovdi l-Kodiċi Kriminali, iżda għandha funzjoni u kompitu speċjali mogħti lilha proprju taħt u skond il-Kap. 276. Infatti, li kieku l-qorti rimandanti kellha tiġi ekwiparata għal kollox mal-Qorti Istruttorja, ma kienx ikun hemm id-dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-Kap. 276, invece, u a differenza ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Istruttorja, speċifikatament jagħti dritt ta' appell ġenerali kemm lill-persuna li tkun mibgħuta taħt kustodja mill-qorti rimandanti għall-finijiet ta' treġġigħ lura (Art. 18, Kap. 276) kif ukoll, f'każ li d-deċiżjoni tal-qorti rimandanti tkun li t-treġġigħ lura ma jistax isir, lill-Avukat Ġenerali (Art. 19). Minn dan kollu jidher ċar li l-mod li l-leġislatur Malti ried li jiġu trattati l-proċeduri ta' estradizzjoni, sia quddiem l-ewwel qorti – il-qorti rimandanti – kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, hu differenti minn kif jiġu trattati kawżi fejn persuna tkun imputata jew akkużata b'reat quddiem xi waħda mill-qrati tagħna."

Illi skont Artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ma jista' jsir ebda appell mid-deċiżjoni tal-qorti li tibgħat lill-persuna taħt kustodja taħt id-disposizzjonijiet tal-istess sub-Artikolu

1 "Art. 15."
2 ""as nearly as may be", fit-test Ingliż."
3 "Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' kumpilazzjoni."
4 "i.e. bħala qorti ta' kumpilazzjoni."

msemmi ossia fejn il-persuna in kwistjoni tkun trid titreġġa' lura, bħal ma hu l-każ odjern. Din il-Qorti mhijiex ser tieqaf milli tieħu konjizzjoni tal-appell tal-appellant minħabba dak li għadu kemm ingħad u dana peress li jirriżulta li l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant jirrigwardaw il-fatt li l-Ewwel Qorti għandha tkun sodisfatta li d-dikjarazzjoni tal-appellant sabiex jitreġġa' lura tkun saret b'mod volontarju. B'hekk din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa dwar il-volontarjeta'. L-appellant jisħaq li mill-atti proċesswali jirriżulta li huwa ddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu għat-talba tal-estradizzjoni u treġġigħ lura salv li ma kienx qiegħed jirrinunzja għad-dritt ta' speċjalita' konċess lilu. Jargumenta li filwaqt li huwa minnu li Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti opportunita' lil persuna mitluba sabiex taqbel mat-talba li tkun qed issir fil-konfront tagħha pero' jisħaq li l-Qorti trid tkun sodisfatta li tali aċċettazzjoni trid tkun waħda volontarja. Isostni li l-volontarjeta' msemmija fil-liġi huwa element *sine qua non* ai fini ta' validita' ta' tali aċċettazzjoni. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel eżerċizzju fejn tassigura li persuna mitluba mhux biss tifhem l-import ta' dak li jkun qiegħed jintalab pero' tifhem ukoll il-konsegwenzi ta' tali aċċettazzjoni. Jargumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tistħarreġ jekk huwa kien *compos mentis* jew le. Jagħmel riferenza għall-istorja medika tiegħu inkluż *issues* ta' saħħa mentali u mediċini legali li huwa jieħu minħabba tali mard mentali u kif ukoll għal ammont ta' *admissions* kemm ġewwa l-iSptar Mater Dei u anke l-iSptar Monte Carmeli in konnessjoni ma' problemi psikjatriċi. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha tistħarreġ jekk l-"aċċettazzjoni" tiegħu kinitx saret b'mod volontarju. Jgħid li ma ġiex aċċertat meta u fi x'ħin l-aħħar li hu kien ħa l-medikazzjoni u li ma ġiex aċċertat kif it-teħid jew in-nuqqas ta' teħid tal-istess sustanzi jaffettwa moħħu. Jargumenta li verbal tal-avukat tiegħu ma huwiex biżżejjed sabiex jagħti s-serħan tal-moħħ li jrid ikollu Ġudikant li jkollu quddiemu

sitwazzjoni bħal dik tiegħu. Jgħid ukoll li lanqas il-konferma *a voce* tiegħu ma hija biżżejjed, anke jekk konfermata bil-ġurament tiegħu stess u dana minħabba dak li huwa jsejjaħ bħala l-*"ħakma li l-istess marda [marda mentali] jkollha fuq il-moħħ."* Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddikjarat li kienet tinstab sodisfatta li d-dikjarazzjoni in kwistjoni saret b'mod volontarju.

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jagħmel riferenza għal sitwazzjoni fejn persuni li kienu qegħdin jagħrfu li ser jeħlu erbgħin (40) sena priġunerija, minkejja patteġġjament uffiċjali, miktub u ffirmat, il-Qorti Kriminali ordnat mhux biss l-eżami mediku fiżiku tagħhom iżda ordnat analiżi psikika tagħhom u dana apparti li l-akkużati f'dak il-każ stqarrew l-aċċettazzjoni tagħhom ta' tali patteġjament. Jirreferi wkoll għall-ammissjoni a tenur ta' Artikoli 392A u/jew 392B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jisħaq li jekk il-Qorti Istruttorja ma ssegwix proċedura partikolari, l-ammissjoni tkun nulla u bla effett.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li Artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Meta l-persuna arrestata tiddikjara quddiem il-qorti rimandanti li tkun trid titreġġa' lura dik il-qorti għandha, <u>jekk tkun sodisfatta li dik id-dikjarazzjoni tkun saret b'mod volontarju</u>, tibgħat lil dik il-persuna taħt kustodja sakemm din tkun qed jistenna li terġa' lura u d-disposizzjonijiet kollha ta' dan l-Att għat-treġġigħ lura tagħha għandhom jitqiesu bħala sodisfatti u l-Ministru għandu malli dan, minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att iżda salv id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21(2) u (4) tiegħu, jordnalha b'mandat li titreġġa' lura lejn il-pajjiż li jagħmel it-talba. <u>Ma jista' jsir ebda appell mid-deċiżjoni tal-qorti li tibgħat lill-persuna taħt kustodja taħt id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu</u>." [emfażi miżjuda]

Illi bħal ma hemm indikat fl-appostilla (*) maġenb Artikolu 15 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-applikabbilta' ta' dan l-

artikolu appena msemmi għall-Istati Uniti tal-Amerika, wieħed irid jara Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07[5] tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minn qari ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li huwa Regolament 9 tiegħu li jagħmel riferenza għal Artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-Regolament 9 imsemmi jaqra hekk:

> "Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att rilevanti għandu jiġi emendat kif ġej:
>
> (a) is-subartikolu (5) sħiħ tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a); u
>
> (b) minnufih wara l-paragrafu (a) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:
>
> "(b) Meta persuna tagħti l-kunsens tagħha għar-ritorn tagħha taħt il-paragrafu (a), hija għandha tiddikjara jekk tkunx qegħda twarrab xi dritt li hija kien ikollha, apparti mill-kunsens, li ma tiġix proċessata fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għal xi reat li jkun sar qabel ma titreġġa' lura.""

Illi minn Artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq ċitat jirriżultaw, fost l-oħrajn, is-segwenti punti partikolari:

- il-Qorti Rimandanti trid tkun sodisfatta li d-dikjarazzjoni għat-treġġigħ lura tkun saret mill-persuna partikolari b'<u>mod volontarju</u> u dana meta din il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha sabiex titreġġa' lura;

- il-persuna in kwistjoni għandha tintbagħat taħt kustodja sakemm tkun qed tistenna li terġa' lura u d-<u>disposizzjonijiet kollha</u> tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta għat-treġġigħ lura tagħha <u>għandhom jitqiesu bħala sodisfatti</u>;

[5] Ordni Dwar L-Estradizzjoni (Stati Uniti ta' L-Amerika).

- ma jista' jsir ebda appell mid-deċiżjoni tal-qorti li tibgħat lill-persuna taħt kustodja taħt id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ossia fejn il-persuna in kwistjoni tagħti l-kunsens tagħha sabiex titreġġa' lura, u dana kif *del resto* diġà ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi skont Artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Meta persuna tintbagħat f'kustodja skont l-artikolu 15, il-qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tintbagħat taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ." [emfażi miżjuda]

Illi fl-aggravju in eżami l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kellha tkun sodisfatta li l-aċċettazzjoni tiegħu għat-treġġigħ lura kellha tkun waħda volontarja.  Huwa jgħid għala din il-volontarjeta' ma tirriżultax, ir-raġunijiet għala ġew riassunti aktar 'il fuq.

Illi din il-Qorti tinnota li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant kien assistit minn avukat ta' għażla tiegħu u ta' fiduċja tiegħu.  Mhux talli hekk talli mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal kwalunkwe ħaġa li kien qed issir quddiemha.  Apparti mill-fatt li

quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant kien assistit minn avukat ta' għażla tiegħu, mill-verbal tas-seduta hekk kif miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti (*a fol.* 2 *et seq.*):

- L-Ispettur Dr. Mario Cuschieri nforma lill-Ewwel Qorti li dakinhar stess kien ġie arrestat l-appellant u fejn ġew spjegati lilu d-drittijiet tiegħu bħala persuna arrestata u ngħata kopja tad-drittijiet tiegħu bil-miktub. L-imsemmi Spettur iddikjara ukoll li ġiet spjegata lill-appellant r-raġuni għala kien qiegħed jiġi arrestat u ġie nfurmat bit-talba għall-estradizzjoni u bil-kontenut tagħha u ġie spjegat ukoll lilu l-proċess li kien ser isir ai fini tat-talba tal-estradizzjoni. Jingħad ukoll li l-appellant għażel li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu.

- Il-konsulent legali tal-appellant għall-istess appellant informa lill-Ewwel Qorti li dak kollu li ġie verbalizzat quddiemha mill-iSpettur Cuschieri ma kienx qiegħed jiġi kkontestat u kkonferma li l-appellant ngħata l-istess informazzjoni u li ngħataw lilu t-tali dokumenti, inkluż il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija maħruġ mill-Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi.

- L-appellant Daniel-Joe Meli ddikjara li huwa kien infurmat ukoll bil-kontenut tal-Mandat ta' Arrest u Tfittxija msemmi.

- Meta sar l-eżami ta' Daniel-Joe Meli bil-għan ta' identifikazzjoni, l-Ewwel Qorti rat li l-persuna li tressqet quddiemha kienet l-istess persuna fir-rigward ta' min saret it-talba għall-estradizzjoni.

- Wara li ngħata l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens, l-appellant Meli ddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex issir l-estradizzjoni u nvoka r-*rule of speciality* fis-sens li ta l-kunsens tiegħu sabiex jiġi estradit biss ħalli jwieġeb għall-akkużi li ġew implikati lilu bid-dokumentazzjoni relattiva.

- L-Ewwel Qorti ġiet nfurmata illi l-appellant Meli ma kellu ebda proċedura pendenti fil-konfront tiegħu f'Malta u li ma kellux iservi l-ebda sentenza f'Malta.

Illi mill-verbal tal-seduta hekk kif miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li kien biss wara li ġie elenkat dan ta' hawn fuq u in segwitu tal-kunsens li ta Meli li l-Ewwel Qorti sabet li kien tinsab sodisfatta li d-dikjarazzjoni tiegħu saret b'mod volontarju u b'hekk ordnat li Meli jinżamm taħt kustodja pendenti l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Illi apparti riferenza għall-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti, riferenza sejra ssir ukoll għad-deċiżjoni *ossia* l-Ordni tal-Ewwel Qorti fejn jingħad, fost l-oħrajn, is-segwenti (*a fol.* 62 *et seq.*):

> "Wara li semgħet lill-"persuna" tiddikjara li ngħatat il-Mandat ta' Arrest datat sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u li ngħataw lilha d-dokumenti kollha eżebiti f'dawn il-proċeduri, kif ukoll li ġie spjegat lilha l-kontenut tagħhom;
>
> Wara li tat lill-"persuna" dik l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens;
>
> <u>Wara li semgħet lill-"persuna" tiddikjara li qegħda tagħti l-kunsens tagħha għat-talba ta' estradizzjoni u treġġiegħ lura li saret mill-Gvern tal-Istati Uniti ta' l-Amerika u li mhux qegħda tirrinunzja għad-dritt ta' speċjalita' konċess lilha</u>;
>
> Wara li din il-Qorti tinsab sodisfatta li din id-dikjarazzjoni saret b'mod volontarju." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li huwa minnu dak li jgħid l-appellant li Qorti Rimandanti għandha tkun sodisfatta li l-aċċettazzjoni ta' persuna li titreġġa' lura għandha tkun waħda li tkun saret b'mod volontarju. Minkejja dan, din il-Qorti ma tistax tifhem kif huwa

propjru issa fi grad ta' appell li l-appellant qed jinforma lill-Qorti li huwa għandu problemi ta' saħħa mentali u li jieħu mediċini minħabba tali mard mentali u li kellu diversi *admissions* kemm ġewwa l-Isptar Mater Dei u kif ukoll l-Isptar Monte Carmeli. Xejn minn dan ma jirriżulta li ngħad quddiem l-Ewwel Qorti. Jekk l-appellant ma qal xejn minn dan lill-Ewwel Qorti ma jistax jippretendi li l-Ewwel Qorti setgħet kienet taf b'dawn l-affarijiet kollha li huwa semma. Jirriżulta li l-appellant ma kkontesta xejn quddiem l-Ewwel Qorti. Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid li l-appellant seta' ma tax il-kunsens tiegħu għat-treġġija lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u seta' jikkontesta tali treġġija. L-appellant ma għażilx din it-triq ta' kontestazzjoni, anzi ta l-aċċettazzjoni tiegħu. Minn dak li ġara quddiem l-Ewwel Qorti u li jinsab rifless fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiemha (il-punti saljenti ta' liema ġew elenkati aktar 'il fuq f'dan l-aggravju), din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti ma kellha għalfejn tagħmel xejn aktar ġialadarba rriżultalha li l-kunsens kien wieħed li ngħata b'mod volontarju. Apparti l-fatt li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant kellu avukat ta' fiduċja tiegħu jassistih, jirriżulta li l-appellant **<u>stess</u>** ta l-kunsens tiegħu għat-treġġija u dana peress li fil-verbal jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 3):

> "Wara li ngħata l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens, Daniel-Joe Meli qiegħed jiddikjara li huwa qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex issir din l-estradizzjoni [...]."

Illi fl-Ordni tal-Ewwel Qorti hemm imniżżel hekk (*a fol.* 62 *et seq.*):

> "Wara li semgħet lill-"persuna" tiddikjara li qegħda tagħti l-kunsens tagħha għat-talba ta' estradizzjoni u treġġiegħ lura li saret mill-Gvern tal-Istati Uniti ta' l-Amerika u li mhux qegħda tirrinunzja għad-dritt ta' speċjalita' konċess lilha."

Illi l-appellant jagħmel riferenza għal sitwazzjoni fejn persuni li kienu qegħdin jagħrfu li ser jeħlu erbgħin (40) sena priġunerija, minkejja patteġġjament uffiċjali, miktub u ffirmat, il-Qorti

Kriminali ordnat mhux biss l-eżami mediku fiżiku tagħhom iżda ordnat analiżi psikika tagħhom u dana apparti li l-akkużati f'dak il-każ stqarrew l-aċċettazzjoni tagħhom ta' tali patteġġjament. Dwar dan din il-Qorti tinnota li l-appellant ma għamilx riferenza eżatta għal liema sitwazzjoni kien qed jirreferi. Filwaqt li din il-Qorti tista' tifhem għal liema sitwazzjoni kien qed jirreferi għaliha l-appellant, pero' il-paraguni huma odjużi u dana peress li kull każ huwa differenti minn ieħor u dana minkejja li jista' jkun hemm xi similaritajiet. Apparti minn dan, minn imkien ma jirriżulta li Qorti hija meħtieġa li tordna li jsir eżami mediku fiżiku tal-persuni li jammettu quddiemha u/jew li jsir analiżi psikika tagħhom u dana peress li kull Qorti tqies jekk dan għandux isir skont dik is-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi li jkollha quddiemha. Mill-atti proċesswali li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha u minn dak li rriżulta quddiemha dakinhar li Meli ġie mressaq il-Qorti, ma kien hemm **assolutament** xejn li b'xi mod jew ieħor seta' jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tiddubita l-aċċettazzjoni ta' Meli!

Illi dwar ir-riferenza li l-appellant jagħmel għall-ammissjoni a tenur ta' Artikoli 392A u/jew 392B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti filwaqt li tinnota li dawn iż-żewġ Artikoli jagħmlu riferenza għal xi ħaġa differenti minn dak tal-każ odjern, tinnota wkoll li Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ingħad aktar 'il fuq, il-proċeduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali huma proċeduri *sui generis*, regolati b'liġi speċjali *ossia* Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti minn dan, minn imkien ma jirriżulta li f'każ ta' kunsens għal treġġija għandhom jiġu segwiti d-dettami ta' Artikoli 392A u/jew 392B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid ukoll li Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistabilixxiex li għandu jsir dak imsemmi f'Artikoli 392A u/jew 392B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ ta' treġġija ta' persuna.

B'hekk meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel aggravju jirriżulta li dan l-aggravju għandu jkun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jisħaq li n-nuqqas ta' għarbiel tal-volontarjeta' tiegħu jkompli jikber peress li jargumenta dwar dak li huwa jsejjaħ bħala n-nuqqas ta' adeżjoni ma' dak stipulat u ordnat f'Artikolu 15(5)(b) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta moqri a bażi u fid-dawl ta' Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti tinnota li Regolament 9(b) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "(b) Meta persuna tagħti l-kunsens tagħha għar-ritorn tagħha taħt il-paragrafu (a), hija għandha tiddikjara jekk tkunx qegħda twarrab xi dritt li hija kien ikollha, apparti mill-kunsens, li ma tiġix proċessata fl-Istati Uniti ta' l-Amerika għal xi reat li jkun sar qabel ma titreġġa' lura."

Illi dwar il-volontarjeta' din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju u tapplikahom hawn. Dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti għal kull buon fini tinnota li kemm fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll fl-Ordni tagħha hemm imniżżel li l-appellant ma kienx qed jirrinunzja għad-dritt ta' speċjalita' konċess lilu. Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid li fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta ċarament is-segwenti (*a fol.* 2 *et seq.*):

> "Wara li ngħata l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens, Daniel-Joe Meli qiegħed jiddikjara li huwa qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex issir din l-estradizzjoni u jinvoka r-*rule of speciality* fis-sens li jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jiġi estradit biss ħalli jwieġeb għall-akkużi li ġew implikati lilu bid-dokumentazzjoni relattiva." [emfażi miżjuda]

Illi dan juri biċ-ċar li l-appellant kien qed jagħti l-kunsens tiegħu **BISS** għall-akkużi li ġew implikati lilu bid-dokumentazzjoni li

tirriżulta fl-atti proċesswali. Dan jirriżulta fl-Ordni tal-Ewwel Qorti fejn jingħad is-segwenti (*a fol.* 62 *et seq.*):

> "Wara li semgħet lill-"persuna" tiddikjara li qegħda tagħti l-kunsens tagħha għat-talba ta' estradizzjoni u treġġiegħ lura li saret mill-Gvern tal-Istati Uniti ta' l-Amerika u li mhux qed tirrinunzja għad-dritt ta' speċjalita' konċess lilha." [emfażi miżjuda]

Illi minn dan kollu huwa ċar għal liema akkużi kien qed jiġi mreġġa' lura l-appellant. Ma huwiex neċessarju li l-Ewwel Qorti tniżżel fid-*decide* tas-sentenza tagħha r-*rule of speciality* u kwanlunkwe dritt li għandu l-appellant f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, anke it-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar ir-*rule of speciality*. L-appellant isostni li minkejja li fl-Ordni tal-Ewwel Qorti jemerġi biċ-ċar li huwa ma rrinunzjax għal prinċipju tar-*rule of speciality*, il-parti deċiżjorja tas-sentenza appellata ma tapplikax tali dritt fil-konfront tiegħu u ma tgħid xejn f'dan ir-rigward. Jisħaq li l-Ewwel Qorti kellha obbligu li tivverifika li l-Istati Uniti tal-Amerika, f'każ ta' treġġigħ lura tiegħu, kellha arranġament ma' Malta jew li l-liġi tagħha tipprovdi għal ħarsien u applikabilita' ta' tali dritt legali tiegħu. Jgħid li dan l-obbligu jinkombi fuq il-Qorti u dana peress li jsostni li f'każ li ma' l-Amerika, Malta ma għandhiex tali arranġament u/jew li l-liġi tal-Amerika ma tipprovdix għal tali adeżjoni u applikazzjoni ta' dan id-dritt legali, l-Ewwel Qorti kellha timponi restrizzjoni dwar it-treġġiegħ lura tiegħu.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tieni aggravju u tapplikahom hawn. Huwa ċar daqs il-kristall li l-appellant ta l-kunsens tiegħu sabiex jiġi mreġġa' lejn l-Istati Uniti tal-Amerika **BISS** għall-akkużi li ġew implikati lilu bid-dokumentazzjoni li tirriżulta fl-atti proċesswali. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li dak

imsemmi mill-appellant fit-tielet aggravju tiegħu ma jsib l-ebda sostenn fil-liġi. B'hekk it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant jirreferi għal Artikolu 11A tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif emendat b'Regolament 7A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta u jargumenta li r-raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti għażlet li ma tapplikahx a favur tiegħu ma huwiex magħruf u/jew mifhum. Jargumenta li l-atti proċesswali ma jirriflettu xejn f'dan ir-rigward.

Illi din il-Qorti tinnota li Regolament 7A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li minnufih wara Artikolu 11 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jiżdied Artikolu 11A li għandu jaqra hekk:

> "Persuna li tintbagħat lura lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, ma tistax tiġi estradita lil xi Stat terz jew lil xi tribunal internazzjonali għal xi reat imwettaq qabel ma tkun ġiet estradita sakemm il-Ministru ma jagħtix il-kunsens tiegħu."

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għall-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fejn, kif diġà ngħad, jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 2 *et seq.*):

> "Wara li ngħata l-informazzjoni neċessarja dwar il-kunsens, Daniel-Joe Meli qiegħed jiddikjara li huwa qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex issir din l-estradizzjoni u jinvoka r-*rule of speciality* fis-sens li jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jiġi estradit biss ħalli jwieġeb għall-akkużi li ġew implikati lilu bid-dokumentazzjoni relattiva." [emfażi miżjuda]

Illi għal darb'oħra din il-Qorti terġa' tinnota li dan juri biċ-ċar li l-appellant kien qed jagħti l-kunsens tiegħu **BISS** għall-akkużi li ġew implikati lilu bid-dokumentazzjoni li tirriżulta fl-atti

proċesswali. Dan jirriżulta fl-Ordni tal-Ewwel Qorti li saret riferenza għaliha fit-tieni aggravju. Apparti minn dan, f'każ li persuna jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jitreġġa' lura, ladarba din il-Qorti (bħall-Ewwel Qorti) tkun sodisfatta li din id-dikjarazzjoni tkun saret b'mod volontarju, skont Artikolu 15(5) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta d-disposizzjonijiet kollha tal-Kapitolu msemmi għandhom jitqiesu bħala sodisfatti. Din il-Qorti żżid tgħid li ma hemm l-ebda obbligu li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti jiġi speċifikat dak previst f'Artikolu 11A tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif emendat b'Regolament 7A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li dak imsemmi fih joħroġ mil-liġi stess. Għal dawn ir-raġunijiet, anke r-raba' aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-Ordni tal-Ewwel Qorti hija nulla u bla effett, u dana apparti dak li qal aktar qabel, minħabba li jargumenta li l-Qorti msemmija naqset milli tapplika obbligu ieħor tagħha impost fuqha skont id-dettami ta' Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.07 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Meta l-estradizzjoni tiġi ordnata għal xi reat ta' estradizzjoni, din għandha tiġi ordnata wkoll għal kull reat ieħor speċifikat fit-talba jekk dak ir-reat l-ieħor ma jissodisfax il-kundizzjonijiet relattivi għat-tul tas-sentenza mniżżla fl-artikolu 8(1)(a) tal-Att relevanti, sakemm ikun sodisfatt kull rekwiżit ieħor għall-estradizzjoni."

Illi mingħajr ebda eżitazzjoni ta' xejn din il-Qorti tinnota li m'huwiex minnu dak li jgħid l-appellant fl-aggravju in eżami meta jsostni li l-Ordni tal-Ewwel Qorti hija nulla u bla effett. Apparti dak li ngħad aktar 'il fuq minn din il-Qorti dwar l-

aggravji l-oħra mressqa mill-appellant, din il-Qorti għal darba oħra tinnota li d-disposizzjonijiet kollha ta' Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jitqiesu bħala sodisfatti f'każ li persuna tagħti l-kunsens tagħha sabiex jitreġġa' lura, liema dikjarazzjoni hija waħda li tkun saret b'mod volontarju. Dan huwa l-każ tal-appellant f'dan il-każ. Għalhekk anke il-ħames aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi s-sitt aggravju tal-appellant huwa dwar il-*principle of territoriality*. L-appellant jisħaq li mill-Att ta' Akkuża maħruġ mill-Grand-Jury tal-Qorti Distrettwali tad-Distrett tat-Tramuntana ta' Georgia, Stati Uniti tal-Amerika jemerġi li l-aġir imputat lilu seħħ unikament minn Malta. Jisħaq li Malta għandha ġurisdizzjoni fuqu għal reati li jgħid huma ta' natura *ex officio* u jgħid li Malta ma tista' qatt tagħżel li ma tieħux passi kontra tiegħu jekk temmen li l-evidenza hija waħda korretta, veritjira, u sinċiera. Isostni li Malta ma tistax tibgħatu sabiex jiġi ġġudikat mill-Amerika jew pajjiż ieħor għal dak li huwa qiegħed jiġi mixli bih *"in pessima ipoteżi tal-anqas qabel ma huwa jiġi ġġudikat hawn Malta."*

Illi din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar dan l-aggravju u dana peress li ladarba l-appellant tressaq quddiem l-Ewwel Qorti minħabba talba sabiex jitreġġa' lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, għal liema talba huwa ta l-kunsens tiegħu li din il-Qorti kkonfermat d-dikjarazzjoni ta' liema saret b'mod volontarju, b'hekk il-kwistjoni tal-*principle of territoriality* imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami hija bla skop. Għandu jingħad li l-fatt li Malta jista' jkollha ġurisdizzjoni ma jfissirx li pajjiż ieħor ma jistax ikollu ġurisdizzjoni wkoll u jista' jkun li qiegħed f'pożizzjoni aħjar biex jipprosekwixxi dak il-każ. B'hekk anke is-sitt aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Daniel-Joe Meli u tikkonferma s-sentenza (ossia l-Ordni) appellata fl-intier tagħha u b'hekk tibgħat lill-appellant taħt kustodja għall-fini tat-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u, wara li rat Artikoli 16, 18 u 21 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, tipprefiġġi terminu ta' ħmistax (15)-il jum mil-lum sabiex l-appellant Meli jkun jista', jekk jidhirlu li xi waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2) ta' Artikolu 10 tal-Kapitolu 276 kien miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, kienet jew x'aktarx ser tkun miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja, jipproċedi għal rimedju skont id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ; u fl-istess waqt qed tgħarraf lill-appellant b'dan il-jedd li huwa għandu, kif ukoll tinfurmah li skont Artikolu 21(2)(a) tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex ser jitreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax (15)-il jum mil-lum.

Din il-Qorti tagħmel riferenza partikolari għall-atti proċesswali fejn l-appellant Daniel-Joe Meli ddikjara li huwa kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex issir l-estradizzjoni u fejn nvoka r-*rule of speciality* fis-sens li ta l-kunsens tiegħu sabiex jiġi estradit <u>biss</u> ħalli jwieġeb għall-akkużi li ġew implikati lilu bid-dokumentazzjoni relattiva.

Finalment, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat minnufih lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**